# Lil Guze' Chetcuti

*Wara li qrajt iż-żewġ kotba*
*tiegħu* "Poeżiji" *u* "Melita Invicta"

Qrajt u tgħaxxaqt, ħabib, bil-versi tiegħek
Herġin minn qalb fil-ħeġġa taż-Żgħużija,
Għax rajtha tbusek u titgħannaq miegħek
Helwa l-Kelma Maltija.

Smajtkom tgħannu flimkien il-Ġmiel li jżejjen
Bil-Ward u Żahar lil din l-Art ħanina,
U r-Rieda ta' l-azzar li taf ixxejjen
Il-Holm ta' Qalb ħażina.

Smajtkom ukoll titniehdu fuq il-ħsara
Li xerrdu, kiefra! fuq din l-Art l-għedewwa;
'Mma l-biki tbiddel f'Għanja kollha ħrara
Ta' Rebħ il-Haqq u s-Sewwa.

U fuq in-nieqa ta' Tarbija ċkejkna
Liema għaqal ta' ħsieb u x'kelma rżina!
Fil-waqt li l-Omm bejn ferħ u biża' msejkna
Titlob sikta ħanina!

Għannejtu l-Holma tal-Milied, il-Wegħda
Tal-Paċi u l-Qalbenin li ssieltu għaliha,
Il-Waħx ta' Bniedem wieħed u l-Mibegħda
Ta' l-art li tnissel fiha.

F'kollox qalb safja minn kull għajb ta' għira,
Hsieb ħaj li jemmen li fuq kollox Alla,
U Talb li tidher fuq dil-Gżira żgħira
Tas-Sliem tiddi l-Qawsalla.

Agħnet issa 'l quddiem, żomm fehma sħiħa,
Liġġem bil-Hsieb il-lbit tal-Fantasija;
Hekk nisimgħu maż-żmien kbira u sabiħa
Il-Għanja tar-Rġulija.

6. 1. 46.

Dun Karm.